arjan. Il-kelma *mătagh* fil-għarbi letterarju għandha t-tifsir ta' *ksib* (proprietà) li fid-djalett, saret il-partiċella *segna cas.* tal-ġenetiv.

Aħna, għalkemm ninqdew b'Alfabet Fonetku ma nistgħux nimxu fuq it-traskrizzjoni ta' Kittieba barranin. Jidhirli li fit-*Tagħrif* għedna biż-żejjed il-għaliex. Tarġa' mhux l-orjentalisti kollha jinqdew bl-istess ittri jew egħliem konvenzjonali, ibda minn Stumme li fit-traskrizzjoni tal-malti l-appostrofu maqlub (') jużah għall-*qâf* u mhux għall-għajn.

A. Cremona.

* * *

Bħal ma wegħidna, ġibna hawn fuq dak li kitbilna s-sur Cremona fuq il-kelma "ta'". Barra minn dan, wasluna tnejn oħra minn għand il-kittieba tagħna Sajdun u G.V. li, bejn wieħed u ieħor, qalu l-istess ħaġa u għalhekk deherilna li ma hemmx għal fejn ingibuhom it-tlieta. Fuq dawn it-tnejn ta' l-aħħar insemmu xi ħaġa fuq fuq.

Sew Sajdun kemm G. V. qablu mas-sur Cremona li l-kelma "ta'" ma hix ħaġ'oħra ħlief il-kelma għarbija *mătagħ* li fil-malti saret *mtagħ*=*tagħ* u tfisser proprietà (Sajdun) u fid-djaletti tripolin: *metágħ*, alġerin *mtágħ*, masri *bitagħ* (G.V.). Sajdun wera wkoll li *kelba tas-sid* (UNA cagna del padrone) ma hix ħaġa waħda ma' *kelbat as-sid* (LA cagna del padrone) sa kemm dawn l-anqas ma għandhom tifsir wieħed.

G. V. semma' wkoll—biex juri li *ta'*ġejja minn *matagħ*—li l-predikaturi għadhom iħobbu jsemmgħuhielna dik l-emme mwaqqgħa mita jgħidu kliem bħal "id-dixxipli mintiegħu, ir-ruħ mintagħna" u hekk jersqu iżjed lejn is-sura għarbija bħal meta jersqu iżjed lejha meta jgħidu *hedan*, *hedin*, *hedawk eċċ.* flok *dan*, *din*, *dawk eċċ.*

Wera wkoll li Patri Zarb jaħseb ħażin jekk jaħseb li *magħ* għandha tagħmel *migħi* u mhux *miegħi*. Tassew, qal G.V., li l-*a* ġie li ssir *i*, iżda, mita dan tagħmlu, tbiddel ħarira t-tifsir. *Târ* (passat) issir *tîr* (imperattiv) waqt li mita l-a issi *ie* tibqa' bl-istess tifsir: *dâm* li ssir *diem* u li tfisser zorta. Mela *miegħi*, *tiegħi eċċ.* u mhux *migħi*, *tigħi eċċ.*

(N. tad-D.)

# IL-KONKORS TAGħNA

Niżżu ħajr 'l Alla, il-konkors li ħabbarna bih fl-aħħar ħarġa tal-Malti rnexxa ħafna. Waslulna għaxra, il-biċċa l-kbira sbieħ u tajbin u tajnihom biex jagħżluhom lil tlieta minn l-aħjar kittieba tagħna li huma:

l-Onor. Prof. Temi Zammit M.D. C.M.G.
il-Mons. Dun Karm Psaila u
is-sur Nin Cremona.

Dawn, wara li għarbluhom u flewhom, bagħtulna, bil-miktub, x'jidhrilhom. Aħna dan konna nġibuh hawn li ma kienx għax naqasna l-wisa'. Il-għażla tagħhom kienet din:

L-ewwel premju: *Hena u Ġid* ta' + + +
it-tieni premju: *Toninu* ta' Tama

u xtaqnna wkoll li natu premju żgħir ieħor bħala "tifkira ta' ġieħ" lil *Xagħar Safrani* ta' Kalypso. Aħna dlonk ftaħna l-invilopsijiet ta' dawn it-tlieta u sibna li

\+ + + hu l-istudent ta' l-Università, Ġużè Galea
Tama hu l-istudent ta' l-Università, Ġużè Bonnici u
Kalypso hu s-sur Ġinu Muscat-Azzopardi;

l-invilopsijiet l-oħra, inbagħad, ħraqnihom u hekk min ma ħax premju ħadd ma jafu.

Aħna nifirħu b'qalbna kollha lil dawn it-tliet żgħażagħ u lestejnielhom premju żgħir kullwieħed li nitolbuhom iżommu bħala tifkira tal-ġieħ kbir li ħaqqhom u biex iżjed iqawwu qalbhom u jħabirku biex iżommu dejjem għolja l-*letteratura* ta' art twelidna.

F. S. Caruana
*Segretarju.*

Ġ. Muscat-Azzopardi
*President.*

1-12-1926

# HENA U ĠID

Setgħu kienu snin oħra, imma għall-ġrajja tagħna nagħżlu l-1580 u l-1581.

Mela fl-aħħar lejl ta' l-1580, din is-sena ltaqgħet ma' ta' warajha:

"U hekk oħt! Inti donnok wasalt kmieni"; qalet is-sena l-qadima lis-sena l-ġdida.

"Jaqaw ma tixtieqx tħalli d-dinja?" wiegħbet is-sena 1581,